MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 236/2013

**Xerri Animal Feed Co Limited (C 20476)**

**vs**

**Angelo Bilocca;**
**Pauline Bilocca**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat imressaq minn Xerri Animal Feed Co. Ltd. li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-socjeta’ rikorrenti tiggestixxi negozju ta’ bejgh ta’ ghalf ghall-annimali li jinbiegh lir-rahhala f’Ghawdex u f’Malta li jkabbru annimali ghal-laham taghhom;

L-intimati konjugi Bilocca jiggestixxu farm bl-isem ta’ “Buxom Farm” fl-inhawi maghrufa bhala “Ta’ San Niklaw” limiti tas-Siggiewi, Malta u li fih irabbu flieles sabiex

eventwalment jinqatlu u jinbieghu lill-konsumaturi ghall-ikel taghhom;

Is-socjeta’ rikorrenti ikkonsenjat lill-istess intimati fuq struzzjonijiet taghhom stess ammont konsiderevoli ta’ diversi tipi ta’ gwiez ghall-uzu fl-istess farm taghhom. Dawn il-konsenji saru fi granet differenti bejn Lulju 2012 u Settembru 2012 skont ma jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat bhala “***Dokument A***” kif ukoll l-*invoices* relattivi mmarkati bhala “***Dokument B sa L***”;

Skont kif jirrizulta mill-istess *invoices* ma’ kull konsenja l-istess Angelo Bilocca jew rapprezentant tieghu kien jiffirma l-*invoice* relattiva bhala konferma li huwa rcieva l-merkanzija ordnata;

Il-merkanzija konsenjata ghall-perjodu minn Lulju sa Settembru 2012 baqghet mhix imhallsa u fil-fatt ghadu dovut mill-intimati lis-socjeta’ rikorrenti l-ammont ta’ sebgha u tletin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u erbghin ewro centezmi (€37,224.40) skont kif jirrizulta mill-*istatement* anness bhala “Dokument A”;

Inoltre huma wkoll dovuti interessi bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-konsenji relattivi sad-data tal-effettiv pagament stante li dan huwa debitu kummercjali, liema interessi sas-sitta (6) ta’ Marzu 2013 kienu jammontaw ghal elf, seba’ mija u sittin ewro u sitta u tletin ewro centezmi (€1,760.36) u dan skont il-prospett hawn anness u mmarkat bhala “***Dokument M***”;

L-intimati gew interpellati permezz ta’ ittra interpellatorja datata ghoxrin (20) ta’ Novembru 2012 (kopja annessa bhala **Dokument N**) kif ukoll permezz ta’ ittra ufficjali spedita fl-erbatax (14) ta’ Jannar 2013 (**Dokument O**) sabiex huma jhallsu l-ammont dovut lilhom izda l-konjugi Bilocca baqghu inadempjenti;

Id-debiti msemmija huma certi, likwidi u dovuti u sa fejn taf is-socjeta’ esponenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jqajmu ghat-talba illi dan il-kreditu dovut lis-socjeta’ esponenti irid jithallas;

Ghalhekk jezistu l-estremi kollha voluti mil-ligi skont l-artikolu 167(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din l-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-istess artikolu;

Talbu l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddikjarakom debituri flimkien u solidalment bejnietkom fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sebgha u tletin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u erbghin ewro centezmi (€37,224.40) rapprezentanti valur ta' diversi tipi ta' gwiez konsenjat mill-istess socjeta' rikorrenti lilkom intimati fuq struzzjonijiet taghkom stess;

Tiddikjarakom debituri flimkien u solidalment bejnietkom fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' elf, seba' mija u sittin ewro u sitta u tletin ewro centezmi (€1,760.36) rapprezentanti interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-konsenji relattivi sad-data tas-sitta (6) ta' Marzu 2013;

Tikkundannakom thallsu lis-socjeta' rikorrenti dawn l-ammonti elenkati fit-talba (ii) u (iii) flimkien mal-interessi relattivi mid-data tas-sebgha (7) ta' Marzu elfejn u tlettax (2013) sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 20 ta' Novembru 2012, tal-ittra ufficjali numru 101/2013 datata erbatax (14) ta' Jannar 2013 kif ukoll tal-mandat ta' inibizzjoni u sekwestru qieghed jigi pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza kif ukoll l-ispejjez tar-ricerki dwar it-trasferimenti u l-passivita' tal-istess Angelo Bilocca.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2013, fejn l-intimata Pauline Bilocca tat ruhha b'notifikata bl-atti tal-kawza.

Rat in-nota tal-partijiet kollha li permezz taghha talbu lil din il-Qorti tghaddi ghall-pronunzjar tas-sentenza a bazi tal-ftehim milhuq minnhom.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza fil-konfront ta’ Pauline sive Paula Bilocca;

2. Tordna lil Xerri Animal Feed Co. Limited titlob ghall-hrug ta’ kontromandat relattiv ghall-mandat ta’ sekwestru Nru. 362/2013 limitatament fejn dan jinsab dirett fil-konfront ta’ Pauline sive Paula Bilocca b’dan li jibqa’ mpregudikat fil-konfront ta’ Angelo Bilocca;

3. Tordna lill-istess socjeta’ rikorrenti tirrinunzja ghall-effetti tal-mandat ta’ inibizzjoni 361/2013 fl-ismijiet “Xerri Animal Feed Company Ltd vs Pauline Bilocca et”;

4. Tiddikjara li s-socjeta’ rikorrenti hija kreditrici ta’ Angelo Bilocca fl-ammont ta’ sebgha u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€27,224.40), liema ammont ghandu jithallas bil-modalitajiet elenkati fin-nota tat-8 ta’ Ottubru 2013, u bl-interessi ta’ 6% li jibdew jiddekorru mill-1 ta’ Lulju 2014 fuq il-bilanc li jkun dovut dakinhar;

5. Il-Qorti tordna wkoll li jigu mharsa l-kundizzjonijiet l-ohra kollha inkluzi fin-nota ta’ ftehim fuq indikata u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu kif miftiehem mill-partijiet fit-8 ta’ Ottubru 2013.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------